Kunsill Lokali Nadur • Ġunju 2011

ħidmietnaf'isimkom

# Proġetti nwettqa mill-Kunsill f'dawn l-aħħar xhur

## Triq Dicembru 13

Kien xieraq li t-triq prinċipali tar-raħal tingħata 'face lift'. Kien għalhekk li f'Ottubru 2010 beda x-xogħol biex jinbidlu s-servizzi ta' l-ilma fit-triq ħalli mbagħad ikun jista' jingħata t-tarmak. Matul il-ħidma fuq it-triq ltqajna ma' xi intoppi li riedu jiġu solvuti. Illum nistgħu ngawdu triq oħra twila li nksiet bit-tarmak. Ta' min jgħid lil din it-triq ġiet tiswa 70,000 euros. Dan barra x-xogħol li l-korporazzjoni tal-ilma u tad-dawl ghamlet għas-spejjes tagħha.


Triq Diċembru 13

Issa l-kunsill lokali qiegħed fil-proċess li jkompli jsebbah din it-triq billi jagħmel d-dwal dekorattivi fl-istess triq. Bħalissa qed nistennew lil contract manager Renzo Curmi jagħtina dehra ta' kif se ssir it-triq permezz ta' dawn id-dwal ġodda. Fondi għal dan il-proġett se jiġu mill-UIF li għandu allokat għalih il-kunsill lokali.

## Sqaq Dun Bernard Haber

U la qed nitkellmu fuq UIF, il-kunsill għadu kemm lesta proġett ieħor ta' tisbih fil-lokalita'. Dan huwa l-isqaq li jgħaqqad Triq Cicciano ma' Triq Dun Bernard. Dan l-isqaq huwa wieħed mill-ftit trejqiet antiki li jinsabu fil-qalba tar-raħal. Permezz tal- fondi mill-Urban Improvement Funds fi ħdan il-MEPA, dan l-isqaq inkesa bil-madum porfido, twaħħlu żewg bollards u tpoġġew żewg qsari.


Sqaq Dun Bernard Haber

## Restawr tas-salib tal-pjazza

Ix-xogħol fuq dan il-proġett ilu li beda madwar sena ilu peress li l-ewwel il-kunsill kellu japplika mal-MEPA għal permessi meħtieġa. Il-fondi ngħataw


Restawr tas-Salib tal-Pjazza

taħt l-iskema Postijiet Storiċi mħaddma mis-Segretarjat Parlamentari reponsabbli mill-Kunsilli Lokali. Wara li nħareġ il-permess, Simon Sultana taħt is-supervizzjoni tal-perit Robert Grech beda x-xogħol ta' restawr. Kellha tinbidel ġebla waħda peress li kienet mfarrka imma fil-biċċa l-kbira tiegħu irnexxielna nżommu s-salib talekwale. Fuq parti tas-salib kellu jsir kisi ta' plastic repair peress li l-ġebla kienet imbaqqna u miksija b'cement u ramel li kien qed jagħmel ħsara kbira lil ġebla. Matul ir-restawr nkixfet id-data 1718 ta' meta kien qed jinbena s-salib. Din id-data hija repetuta fuq l- erba' ġebliet ta' fuq. Xi anzjani anke rrakontaw kif meta kienu żgħar użaw il-hofor li hemm fit-taraġ tas-salib biex jilagħbu ż-żibeġ. Ix-xogħol ta' restawr tlesta u s-salib iddawwar b'bollards bħala protezzjoni peress li fil-passat ġarrab ħsarat meta vetturi ħabtu fih.

**Il-proġett tal-Public Private Partnership**

Dan hu proġett ambizzjuz li l-kunsill flimkien mal - gvern centrali daħal għalih. Żona kbira fin-Nadur se tinkesa bit-tarmak. Dawn it-toroq kien ilhom ma jingħataw kisja tarmak u kienu fi stat ħazin ħafna. Diġa' sar ix-xogħol kollu relatat ma' tibdil tas-servizzi tal-ilma. Fi


Triq Grunju


Triq Mitħna l-Qadima

Triq Sant' Indirja u Triq Xjuf ir-Rih sar ukoll xogħol relatat mal-kumpanija Go. Sa issa saru bit-tarmak- Triq Grunju, Triq Mithna l-Qadima, Triq Karlu Borg u parti minn Triq Dun Grezz. Fil-xhur li ġejjin se jkompli għaddej ix-xogħol tat-tarmak li b'kollox se jiġi jiswa €500,000. Meta jitlesta ix-xogħol inkunu wettaqna ħidma estensiva fuq it-toroq tagħna.

## Tifla min-Nadur tirbah il-Festival Marjan

Rebecca Bonello li għandha 12-il sena rebħet t-tnejn u erbgħin edizzjoni tal-Festival Marjan. Il-festival sar nhar is-Sibt 21 ta' Mejju fl-Oratorju Don Bosco r-Rabat. Rebecca rebħet bil-kanzunetta 'Nitobok Marija' kliem u mużika ta' John Cassar. F'dan il-festival Rebecca ġiet l-ewwel fil-kategorija B u rebħet ukoll l-overall b' 280 punt biex b'hekk kienet ir-rebbieħa tal-festival. Minn hawn nifirhu lir-Rebecca u nawgurawlha kull suċċess fil-futur.



## Progetti li se jkomplu matul is-sajf….

### Public Private Partnership

Jitkompla x-xoghol fuq t-toroq taħt l-iskema tal-Public Private Partnership. Issa jmiss li jsir it-tqaxxir tat-Triq Xjuf ir-Rih, Sant Indirja, Triq San Gakbu u Triq Buskett.

### Xoghol fi Triq ta Sajd



Din it-triq kienet qiegħda żżomm kwantita' ta' ilma tax-xita bir-riżultat li ħolqot inkonvenjent kbir kemm għar-residenti li jgħixu fl-inħawi kif ukoll għal dawk li jużaw is-servizzi offruti f'dik it-triq. Kien għalhekk li l-kunsill fuq il-parir tal-perit iddeċieda li joħloq rimedju biex tissolva l-problema. It-tender ħareg u x-xogħol ġie mogħti lil Simon Sultana. Ix-xogħol se jibda eżatt wara li tgħaddi l-festa biex ma noħolqux inkonvenjent fi triq pjuttost traffikuża għal dan iż-żmien tas-sena.

### Wied Bingemma

Il-kunsill ingħata l-fondi biex jibni l-ħitan tas-sejjieh li hemm mwaqqgħin f'Wied Bingemma. Ser isir ukoll it-tindif bl-idejn tal-kanal minn fejn jgħaddi l-ilma. Dan ix-xogħol għandu jkun lest sa Novembru 2011.

### Dawl Dekorattiv

Il-Kunsill qed fil-proċess li joħroġ it-tender tad-dawl dekorattiv għal Triq Dicembru 13. Qed titħejja t-tender u se jintużaw fondi mill-UIF.

### Konferenza tac-Charter fin-Nadur

Matul is-sajf il-kunsill flimkien ma' voluntiera se jkun qiegħed jaħdem biex jospita konferenza tac-charter fin-Nadur. Tnejn u tletin delegat minn pajjizi fl-Ewropa se jiltaqgħu fin-Nadur biex jiddiskutu l-iżvilupp demografiku fl-irħula tagħna.

## Ħmieġ tal-Klieb






Waħda mill-għanjiet tal-Kunsill hu li naħdmu biex ir-residenti tagħna ikollhom kwalita ta ħajja aħjar. Hija ħasra li għad baqa' persuni li minkejja d-diversi avviżi li saru fuq il-gazzetta tal-kunsill,xorta għadhom iħallu warajhom il-ħmieġ tal-kelb tagħhom fl-art. Il-kunsill jerga' javża li dan hu ksur ta' liġi u jitlob il-koperazzjoni sħiha ta' kulhadd..

# Mid-Djarju tal-Kunsill……

## Novembru 2010



Dan ix-xahar huwa sinonomu ma' Jum il-Kunsill – Bħas-snin l-imgħoddija l-kunsill ħadem biex jorganizza sensiela ta' attivitajiet:

- Mixja għat-tfal ta' l-iskola primarja għat-Torri ta Isopu – Hemmhekk it-tfal kellhom il-possibilta' li jduqu ikel tipikament lokali.
- Tournament tal-football għat-tfal u sports day għat-tfal kolllha fil-MUSEUM tas-subien
- Wirjiet – ta' stained glass fis-sala Joe Tabone tal-Kunsill Lokali; ta' vetturi militari fil-pjazza San Pietru u San Pawl.
- Għoti tad-demm fis-sala Joe Tabone fil-Kunsill
- Ingħata Premju Gieh in-Nadur lil Mons Salvu Pace u saret quddiesa b'suffraġju l-kunsilliera mejtin.
- Il-kunsill taż-żgħażagħ organizza kampanja 'Niġġieldu l-Pressjoni għolja' fejn studenti infermiera taw servizz billi qraw il-pressjoni lil dawk l-persuni li ġew fil-kunsill. L-iskop kien biex noħolqu kuxjenza ta' kif nipprevenu il-mard.



Matul ix-xahar ta Novembru l-Kunsill Lokali ta' servizz lill-anzjani billi ta l-labbra tal-influwenza. B'kollox nqdew 300 persuna.



Ġiet organizzata ħarga għall- anzjani li jmorru d-Day Centre bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Din id-darba l-anzjani marru dawra ma' Malta fuq 'hop on hop off bus'.







## Dicembru 2010

Il-Kunsill ħa ħsieb biex jagħti dehra festiva għall-attivitajiet tal-Milied. Din is-sena peress li kien qed isir xogħol f'Diċembru 13, ġie deċiż li tkun mżejna Triq il-Knisja.

Sar il-Christmas Market bejn 3 u l-5 ta' Dicembru. Saru numru ta' attivitajeit taħt it-tinda li ġiet armata apposta fil-pjazza. Il-Ġimgha filgħodu saret attivita għat-tfal organizzata mill-iskola primarja. Sar il-Bambin tal-Milied fix-xelter tal-pjazza, xogħol ta' James Azzopardi.

Il-Kunsill ikkollabora mal-MUSEUM subien u bniet biex jittella il-kunċert fil-knisja f'Jum il-Milied u il-play ***Tama li Rebħet*** fis-sala tal-Każin tal-Banda.

Bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied il-Kunsill taż-żgħażagħ tan-Nadur żaru lil dawk il-morda u l-anzjani li ma joħorġux minn-djarhom. Waslulhom l-awgurju tal-Milied permezz tal-Father Christmas u tawhom rigal. Iż-żgħażaġġ kienu akkumpanjati minn saċerdot li wassal is-sagrament lill-morda u l-anzjani fi djarhom. Il-ġimgħa ta' wara ż-żgħażagħ żaru wkoll residenza Sant Anna fejn tkellmu mal-pazjenti li huma min-Nadur.



Tlestiet it-trejqa li tagħti għal San Blas – Din kienet fi stat ħażin ħafna. Kellha terġa' ssir xibka u ngħata l-konkos.













## Jannar 2011

Tlesta x-xogħol fi Triq Diċembru 13 u tkompla x-xogħol fi Triq Grunju
Tlesta l-isqaq ta' bejn Triq Dun Bernard u Triq Cicciano.
Il-kunsill neħħa z-zkuk mejta li kien hemm fi Triq it-Tiġrija u tħawlu sitt sigriet tal-prinjol bl-iskop li jsebbħu t-triq.
Il-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ beda jaħdem fuq proġett li bi ħsiebu iwettaq f'Settembru. Giet organizzata ħarġa għal Malta miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ –żorna d-Dar tal-Providenza, ltqajna mas-Segretarju Parlamentari f'Kastilja fejn anke rajna l-wirja tal-presepju u wara morna f'*The Point* tas-Sliema.





## Frar

Beda l-kors 'Adults on the Move'- Din hi  t-tielet sena konsekuttiva li qed isir dan il-kors għal persuni adulti. Din is-sena nxtara apparat speċjali biex ikunu jistgħu jsiru numru ta' eżerċizzi.



Ħarga għall-anzjani – fejn żorna l-Mużew tal-katidral u wara morna nieklu fir-restorant Eldorado.



Sar il-karnival organizzat fil-pjazza – Ħadu sehem numru ta' kumpaniji min-Nadur u anke minn barra r-raħal. Għall-ewwel darba saret il-kukkanja tat-tfal.









## Marzu



Ix-xahar beda bil-karnival spontanju. Bħas-snin l-imgħoddija din l-attivita' ġabet lejn in-Nadur ammont kbir ta' Maltin, Għawdxin u anke turisti. Biex innaqqsu l-konġestjoni tat-traffiku sar arranġament ma Trasport Malta biex isir trasport pubbliku mir-Rabat u mill-Imgarr u lura.

## April



In-Nadur huwa destinazzjoni ta' Eċċellenza. Din is-sena l-Kunsill tal-Mellieha ospita il-konferenza ġenerali tal-Eden. Bħala parti mill-programm, id-delegazzjoni ġiet in-Nadur. Id-delegazzjoni ġiet milqugħa mis-sindku Miriam Portelli u mis-segretarju parlamentari ghall-Kunsilli Lokali l-Onor. Chris Said. Saru xi diskorsi u ngħataw bibita. Id-delagazzjoni setgħet tammira l-veduta li hemm fi Gnien il-Kunsill.

Il-kunsill lokali daħal f'kollaborazzjoni mal-Każin tal-Football biex ġie organizzat il-kunċert minn Mark Anthony Tabone bit-tema: ***Elvis- his music lives on***. Din kienet it-tieni darba li Mark Anthony ġie mistieden in-Nadur. L-ewwel darba kien f'Lulju 2010.



## Mejju

May Fair organizzata miż-żgħażagħ bil-kollaborazzjoni tal-kunsill. Matul dawn it-tlett ijiem saru diversi attivitajiet edukattivi u soċjali fosthom:



- Attivita għat-tfal tal-iskola primarju. F'din l-attivita Kikku, l-mascot ta Eco Ghawdex iltaqa mat-tfal
- Ittellgħet il-musical ***Annie*** fl-iskola primarja tan-Nadur
- Saret attivita biex jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza – Inġabru b'kollox 267 euros. Dawn ippreżentati għal waqt il-quddiesa tal-Ħadd filgħodu.
- Carmen Tedesco għamlet dimostrazzjoni tal-ikel.
- Saru attivita mill-ERRC u mis-Civil Protection t'Għawdex
- Ġie organizzat il-programm ta' ***Puree*** bil-parteċipazzjoni tal-Ministru għal Għawdex, s-Segretarju Parlamentari u s-sindku tan-Nadur.
- Wirja ta' karozzi Amerikani



Taħdita għall-anzjani tad-day centre mill-ispettur Josric Mifsud dwar s-sigurta' fi djarna. L-anzjani setgħu jiddiskutu mal-Ispettur dwar kif għandhom jipproteġu lilhom infushom.







# MiIl-Paġna taż-Żgħażagħ

## Photo Scavenger Hunt



Numru sabiħ ta' parteċipanti ħadu sehem fil-Photo Scavenger Hunt. Din kienet attività oriġinali li l-parteċipanti żgħażagħ riedu jieħdu xi ritratti skont il-ħjiel li ġew mgħotija. It-tema ta' din l-photo scavenger hunt kienet bit-tema 'It-taqbiliet Maltin'.

## Laqgħat ta' Informazzjoni għaż-żgħażagħ

Matul ix-xhur ta Jannar u Frar saru diversi laqgħat ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ li jattendu għall-attivitajiet tal-kunsill. Fost dawn kien laqgħa dwar Sexual Transmitted Infections li saret minn Dr. Roderick Bugeja u laqgħa oħra li saret għat-tfaljiet minn Dr. Chantelle Portelli. Numru sabih ta' żgħażagħ attendew għal dawn il-laqgħat.



## Mayfair 2011

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-kunsill taż-żgħażagħ organizza l-Mayfair. Mal-mijiet ta' kotba li kien hemm għall-bejgħ, kien hemm ukoll bosta attivitajiet għall-dawk preżenti, fosthom Bouncing Castle, Balloon Modelling, demostrazjoni tal-ikel minn Carmen Tedesco, karozzi Amerikani, ERRC, u fire engine. Is-serata tas-Sibt spiċċat bil-program Puree' preżentat minn Ronald Briffa, il-kok Neil Darmanin, bis-sehem tan-Nadurin: s- Sindku Miriam Portelli, is-Segretarju Parlementari Dr Chris Said, u l-Ministru għal-Għawdex Giovanna Debono.



## Youths Representing Malta during a meeting in Luxemburg

'Visiting Luxembourg was a superb experience. I was living with host family and living with them you will get in touch with their culture as well. During our 3 day meeting we met youths from all over Europe. We discussed difficulties which youths face while they live in small villages. Apart from discussing, you get also in touch with these different cultures and make new friends. I encourage youths to live such similar experience at least once in their lifetime.'

*Maria Meilak*

## Mawra f'Bucine l-Italja- Mejju 2011



In-Nadur ġie mistieden sabiex jipparteċipa fil-festival tal-fjuri, fir-raħal ta' Bucine flimkien ma Spanja, l-Awstrija,l-Ungerija, il-Khazakistan, l-India u l-Italja. B'kollox il-kunsill ta' Bucine laqa' l'fuq min 300 delegat . Waqt l-attivita d-delegazzjoni tan-Nadur qasmet t-tradizzjonijiet Maltin permezz ta' ikel tipiku tal-gzejjer tagħna kif ukoll logħob u anke mużika. Għamilna ħafna kuntatti ma' persuni u dan se jgħin biex aktar nies min-Nadur ikunu jistgħu isiefru fil-pajjiżi taċ-Charter li tiegħu n-Nadur huwa membru attiv. F'din is-safra qassamna informazzjoni fuq Malta u n-Nadur, u ħafna tħajjru biex jiġu jżuru l-gżira tagħna fil-futur.

*Frankie Meilak*

# RIĊIKLAĠĠ

IL-PAĠNA TAL-AMBJENT

Bdil fil-Ħin tal-Iskart Mħallat

Min-nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju l-iskart imħallat se jibda jinġabar filgħodu. L-borza għandha tinħareġ qabel it-8.00 a.m. L-borza l-griżi bi skart reċiklat għalissa tibqa tinġabar nhar tat-Tnejn filgħodu.

Importanti li l-borża npoġġuha quddiem ir-residenza tagħna. Ħadd ma jieħu gost jara żibel ma kullimkien għaliex xi borza ġiet mqattgħa. Tajjeb nifhmu li n-Nadur huwa darna u għalhekk għandna naħdmu biex inżommuh nadif.

Change of Collection Time for Household Waste.

As from Monday 4th July collection of household waste will be in the morning. You are to take out your garbage bag before 8:00 a.m. Recycled refuse (grey bag) will continue to be collected on Monday morning.

It is very important that household waste is placed directly in front of your own residence. Nadur is our home – Lets keep it clean.

Ġbir ta Skart Goff

Il-kunsill joffri s-servizz bieb bieb darba fil-ġimgħa. Importanti li wieħed jibbukkja billi ċċempel il-Kunsill fuq 21558080. Agħti isem, kunjom, telefon u indirizz minn fejn se jinġabar l-iskart.



Importanti li l-oġġetti jinħarġu barra fil-ġurnata indikata lilek mill-kunsill. L-ġbir isir filgħodu.

Open Skips

L-iskips ikunu ta' Xurdin nhar ta Tnejn u Erbgħa minn 12.00 p.m. sal- 5.00 p.m u nhar ta Sibt mit-8.00 a.m sa l-4.00 p.m. L-iskips huma għal użu tar-residenti tan-Nadur BISS. Entitajiet kummerċjali mhux permessi jużaw dan l-iskips.

Ma għandux jintrema terrapin fl-iskips. Nfakkruhom li skart goff jista jinġabar minn wara l-bieb. Nkella jista' jintuża ic-C.A site li ninsab x-Xewkija ħdejn il-heliport.

Inħeġġukhom ukoll li kemm jista ikun nisseparaw l-iskart. Din nistgħu ngħamluha permezz tal-borża l-griża. Fiha jistgħu jintrema karti, plastik u metall. Jinsabu bring in sites fl-inħawi tat-Tiġrija, żona tal-Hali[illegible] ż-żona ta' San Blas. Jista jiġi isseparat karti, plastik, metall u ħġieġ.

# AVVIŻI

**Kors ta Yoga**

Il-Kunsill Lokali se jorganizza sezzjonijiet ta' Yoga minn persuna kwalifikata. Ikun hemm għaxar sezzjonijiet li jdumu madwar ħamsa u sebgħin minuta. Il-prezz tal-kors hu ta' €55.

**Basketball**

Minn Lulju se jerga jibda it-training tal-basketball. Dan hu miftuh għal studenti mill Year 4- il fuq. Dawk interessati li jieħdu sehem għandhom jiġu l-Kunsill għal aktar dettalji. Hemm ħlas ta €10 għal kors ta għaxar-il lezzjoni.

**Ftuħ tal-Librerija fin-Nadur**

Ħinjiet tas-sajf huma: L-Erbgħa: 8 a.m. sa 12.00 p.m<br>
S-Sibt : 9.00 a.m sa 12.00 p.m

**Korsijiet li se jibdew f'Ottubru 2011**

Bħas-sena l-oħra l-Kunsill Lokali flimkien mad-Direttorat għat-Taghlim ta' matul il-ħajja ser jorganizza dawn il-korsijiet:

**English Literacy** – Dan huwa kors għaċ-ċittadini Maltin li jixtiequ jaqraw, jiktbu u jifhmu ahjar bl-Ingliz. Dan hu kors bla ħlas.

**Maltese as a Foreign Language -** Dan huwa immirat għal dawk ir-residenti barranin li jixtiequ jitgħallmu l-Malti. Hemm miżata ta €34.94 għaċ-ċittadini mill-UE u €69.88 għal dawk li jiġu minn pajjizi oħra.

**Courses that will commence in October 2010**

**The Nadur Local Council together with the Directorate for Lifelong learning is organising the course: Maltese as a Foreign Language. The is aimed for non-Maltese residents who wish to gain knowledge of the language through spoken and written material. EU citizens are to pay €34.93, non EU citizens pay €69.88.**

## Ġbir ta ħwejjeġ użati

Dan hu servizz ġdid li se ikun offrut lir-residenti tan-Nadur bil-koperazzjoni tal-Kunsill Lokali. Kumpanija Maltija se tiġbor ħwejjeġ, hand bags u żraben użati. Se ikunu hdejn il-Kunsill Lokali nhar is-**Sibt 25 ta' Gunju bejn il-5.00p.m u s-6.00 p.m.**

**IMPORTANTI: IL-ĦWEJJEĠ IRRIDU IKUNU NODFA U MHUX MXARRBIN.**

Għal aktar informazzjoni ċemplu l-Kunsill fuq 21558080. Ġabra oħra ta ħwejjeġ ser issir f'Settembru. Aktar dettalji jingħataw il-quddiem

## KORSIJIET GĦAS-SAJF ORGANIZZATI MILL-KUNSILL:

Għal dawn il-korsijiet jistgħu japplikaw tfal minn seba' snin-il fuq:

- **Art Attack**
- **Ganutell**
- **Bizilla**
- **Beading**
- **Creatuve Knitting**

Il prezz għal dawn il-korsijiet huwa ta €25.

Ser isir ukoll kors tal-**Mosaic** – Dawk li jieħdu sehem f'dan il-kors se jkollhom il-possibilta' li jibnu proġett għal-lokalita'. Dan għaliex ix-xogħol tagħhom se jkun jista' jitgawda minn dawk kollha li jżuru Playing Field tal-Hali. Jistgħu japplikaw għal dan il-kors studenti minn ħdax-il sena il- fuq.

### Youth Adventure

Dan hu kors immirat lejn studenti bejn it-tlettax u l-ħmistax –il sena. Hu magħmul minn tlettax –il sessjoni. Il-kors jibda f'Awwissu u jkun immexi min Youth worker professjonali.

### Child Day Care Centre

Għal għaxar sena konsekuttiva, l-Kunsill Lokali ser jorganizza day care għat-tfal bejn l-etajiet ta tlett u ħames snin. Dan iċ-ċentru se jopera mit-12 ta' Lulju sas-16 ta' Settembru mit-Tnejn sal-Gimgha bejn id-9 u nofsinhar. Se ikunu jieħdu ħsieb it-tfal, l-għalliema tal-kinderegarten flimkien ma xi għalliema oħra li jgħallmu fl-istess skola. Dawk interessati jiġu jinkitbu il-Kunsill Lokali. Ħlas hu ta €85.



# Programm ta' Attivitajiet organizzati mill-Kunsill fl-okażjoni tal-Imnarja



## Is-Sibt 18 ta' Ġunju 2011

**Wirja Agrarja** 7:30 p.m. – 11:30 p.m.
Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri

Ftuħ Uffiċċjali mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono
Mistiedna Speċjali: Miriam Christine, Mnarja Folk Group, L-Andar Folk Group, Għana Tradizzjonali

## Il-Ħadd 19 ta' Ġunju 2011

**Wirja Agrarja** 8:00 a.m. – 11:30 a.m.
Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri
Mistiedna Specjali: Menħir Folk Group, Banda Mnarja,
Diskors u tqassim ta' tifkirijiet mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said

## It-Tnejn 20 ta' Ġunju 2011

**Attivita' tat-Tfal**
Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri
Hin: 8:30 p.m.
Logħob għat-tfal tal-primarja bis-sehem ta' Curtain Raisers

## l-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2011

**Kunċert tal-Banda Mnarja**
Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri
Hin: 8:30 p.m.

## Is-Sibt 25 ta' Ġunju 2011

**Ikla Tradizzjonali**
Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri
Hin: 8:30 p.m.

Mistieden speċjali mill-Kunsill Lokali Nadur: Glen Vella



## l-Erbgha 29 ta' Gunju 2011

Wara l-Pontifikal ser jiġi nawgurat ir-restawr tas-Salib tal-Pjazza mill-Onor. Chris Said u mbierek mill-E.T. Isqof Mario Grech

## Il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2011

Attività ta' fund raising fi Ġnien il-Kunsill bis-sehem tal-għaqdiet tal-festa.


**Kunsill Lokali Nadur**

Triq it-Tramuntana, Nadur, NDR 1222, Għawdex,
Tel: 2155 8080 • Fax: 2155 8055
www.nadur.gov.mt - nadur.lc@gov.mt


Uffiċċju Informazzjoni Kunsill Lokali Nadur - Editur: Peter Paul Buttigieg
Ritratti: Tony Cassar, Martin Attard, Peter P. Buttigieg, Rita Mifsud Attard